MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 2247/1998/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Noel Galea sija bil-polza sija bil-ligi**
**Vs**
**Mario Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi fis-26 ta' Lulju 1997 fiz-Zurrieq, f'Valletta Road, waqt li l-assikurat tal-attur nomine, Noel Galea, kien qieghed isuq vettura numru V-9393, li hi assikurata taht polza "comprehensive" mal-attur nomine, habat go fih il-konvenut li kien qed isuq vettura numru HAI 685 u ikkagunalu danni.

U billi dan l-incident stradali gara minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

U billi b’rizultat ta’ dan l-istess incident stradali l-attur nomine sborza s-somma ta’ elfejn hames mija u disgha liri Maltin u disghin centezmu (Lm2509.90c) lill-assikurat tieghu bhala “cash settlement” wara li gabar hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala “wreck value” tal-imsemmija vettura li kienet giet dikjarata “beyond economical repair”.

U billi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dawn id-danni izda baqa’ inadempjenti.

Ighid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fis-26 ta’ Lulju 1997.
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta’ elfejn hames mija u disgha liri Maltin u disghin centezmu (Lm2509.90c) in linea ta’ danni b’rizultat tal-incident stradali fuq riferit.

3. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ elfejn hames mija u disgha liri Maltin u disghin centezmu (Lm2509.90c) in linea ta’ danni b’rizultat tal-incident stradali fuq riferit.

Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 1998 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 1998 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut ma kienx certament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-incident meritu tal-kawza odjerna sehh fis-26 ta' Lulju 1997 ghal habta tat-3.30 am go Valletta Road Zurrieq, bejn il-vettura tal-ghamla Hyundai Excel numru V 9393 misjuqa mill-assikurat tal-attrici, Noel Galea, fid-direzzjoni taz-Zurrieq, u l-vettura tal-ghamla Mini Minor numru HAI 685 misjuqa mill-konvenut li kienet gejja fid-direzzjoni opposta. Il-karreggjata tiehu vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta, u fil-vicinanza tal-post tal-incident hemm liwja fit-triq.

Illi dwar id-dinamika tal-incident, irrizulta inkontrastat li fil-mument tal-kollizjoni, l-imsmemi Noel Galea kien ghadu kemm ghamel manuvra ta' sorpass fil-karreggjata tieghu, filwaqt li l-konvenut kien ghadu kif qabez il-liwja li hemm fit-triq. Il-versjonijiet jikkontrastaw rigward il-kumplament, u precisament dwar kif u f' liema karreggjata sar l-impatt.

Il-versjoni ta' Noel Galea, korroborata mill-passiggier Richard Camilleri li kellu mieghu, kif ukoll minn Alex Muscat is-sewwieq tal-vettura li ssorpassa, hija fis-sens li ftit tal-hin qabel l-incident huwa ghamel manuvra ta' sorpass fil-konfront tal-vettura misjuqa minn Alex Muscat, izda jsostni li fl-ebda hin ma hareg mill-karreggjata tan-naha tieghu. Kif iffinalizza din il-manuvra u "kont qbiztu lil Alex u kont dhalt harira l-gewwa .."[1] huwa lemah il-vettura misjuqa mill-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta bi speed eccessiv, u invadiet il-karreggjata tieghu, bir-rizultat li sehhet il-kollizzjoni. Alex Muscat jikkonferma din il-versjoni tal-fatti u sostna li meta Noel Galea kien qed jissorpassah, huwa gibed lejn ix-xellug tieghu biex jippermettilu aktar spazju.

Fid-deposizzjoni tieghu Noel Galea spjega li huwa ma kienx applika l-brakes, lanqas wara l-impatt, b' hekk il-vettura tieghu baqghet miexja certu distanza. Isostni li rizultat tal-kollizzjoni l-pedali kienu mrikbin fuq xulxin u ghalhekk lanqas kieku ried ma seta' jaghfas il-brakes.

[1] Dep.Noel Galea fol.54

Il-versjoni tal-konvenut, korroborata miz-zewg passiggiera li kellu mieghu, Noel Zammit u Raymond Busuttil, hija fis-sens li meta dana wasal fil-parti tat-triq fejn hemm il-liwja huwa sab il-vettura misjuqa minn Noel Galea gejja ghal fuqu. Il-konvenut spjega li dak il-hin Galea kien qed jghamel manuvra ta' sorpass u kien paralleli mal-karrozza misjuqa minn Alex Muscat. Huwa jsostni li "Noel Galea kien qabez il-linja kontinwa tan-nofs meta sibtu ma wicci…. Jiena rajtu gej ghal fuqi b' velocita' qawwija tant illi lanqas tani cans naghmel manuvra biex nipprova niskapulah"[2] Il-konvenut isostni kategorikament li kien Galea li invada l-karreggjata tieghu u li l-kollizzjoni sehhet fuq in-naha tieghu tat-triq.

Inoltre, filwaqt li x-xhieda tal-attrici jsostnu li l-karreggjata li minnha kien ghaddej Noel Galea kienet wiesgha bizzejjed biex tiehu zewg karrozzi paralleli, il-konvenut u x-xhieda tieghu jsostnu li l-karreggjata kienet tiehu karrozza wahda biss. Barra minnhekk ix-xhieda tal-konvenut osservaw li l-liwja kienet taghti fuq gewwa tal-karreggjata tal-konvenut u ghalhekk ma kienx il-kaz li l-Mini Minor mal-liwja tinvadi l-karreggjata l-ohra.

Illi l-Qorti tosserva li z-zewg versjonijiet jikkontrastaw fl-izjed punt krucjali ghas-soluzzjoni tal-vertenza, u cioe' min invada l-karreggjata ta' min u b' hekk kien il-kawza prossima u immedjata tal-incident. Iz-zewg partijiet, flimkien max-xhieda rispettivi taghhom, sostnew mill bidu nett il-versjoni taghhom u kienu konsistenti f' dan ir-rigward. In-naha konvenuta ssostni li l-iskizz tal-pulizija huwa zbaljat peress li skond hu l-kollizzjoni sehhet fuq in-naha tieghu tat-triq.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi akkwiziti bil-ghan li tipprova tiskopri liema hi l-versjoni li tokkorrispondi mar-realta' u wasslet ghall-konkluzjoni li taghti affidament ghall-versjoni ta' Noel Galea in vista tar-rizultanzi kif defeniti fl-iskizz tal-pulizija.

---

[2] Fol.34

Illi in materja ta’ provi u senjatament dwar il-valur propatorju tal-iskizz tal-pulizija, gie ritenut fil-kawza *App.Inf. [PS]**Carmelo Scerri vs Esther Darmanin** deciza 20 ta’ Ottubru 2003*, li “Huwa indubitat li f’ kazijiet ta’ kollizzjoni l-iskizz dejjem gie meqjus bhala element importanti tal-provi, ad eccezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx gie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistghux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta’ dan id-dokument giet ravvizata anke fil-kaz fejn dan ma jkunx gie mahluf mis-surgent li rredigieh. Ghax anke fejn dan hu l-kaz ‘hu wkoll veru li dan gie ppreparat *in situ* u *a tempo vergine* u hadd ma ressaq dubbju dwar l-integirta’ tas-surgent. Dan ta’ l-ahhar huwa recorder tar-*res gestae* u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti relevanti kif irrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta’ l-okkorrenzza. ..’ *[App.**Carmel Camilleri vs Leone Pillow** deciz 7 ta’ Ottubru 1997].*
Fil-kaz in disamina l-iskizz u l-okkorrenza gew konfermati mis-surgent Ps.1448 Victor Buttigieg, li rredigihom, fid-deposizzjoni tieghu tad-29 ta’ Mejju 2002 u fil-fehema tal-Qorti, salv ghall-allegazzjoni da parti tan-naha konvenuta li lis-*spot of impact* kien indikat erroneament fuq il-karreggjata li minnha kien ghaddejn Noel Galea, ma ngabux provi sodisfacenti sabiex idghajjfu l-valur probatorju ta’ dan id-dokument. Din l-allegazzjoni tal-konvenut u tax-xhieda tieghu tinsab kontradetta minn Noel Galea u x-xhieda prodotti minnu. Inoltre, din il-Qorti ma tistax ma taghtix piz evidenzjali qawwi lil dan id-dokument li gie redatt in situ u *a tempo vergine* minn membru tal-korp tal-pulizija estranew ghall-incident de quo. Ma ngabu ebda provi la biex jiskossaw l-integrita’ jew il-kompetenza tas-surgent in materja, u ghajr l-allegazzjoni nuda u kruda tal-konvenut, ma tirrizulta ebda prova tangibbli u sodisfacenti sabiex twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-iskizz huwa inaffidabbli.

Stabbilit is-suespost, il-Qorti tosserva li mill-iskizz tal-pulizija jrrizultaw is-segwenti fatturi li jikkonfortaw ix-xhieda ta’ Noel Galea:

[1] Lis-*spot of impact* huwa indikat fil-karreggjata li minnha kien ghaddej Noel Galea u l-frak tal-hgieg huwa izjed profuz lejn ix-xellug milli lejn il-linja medjana tat-triq[3]. Dan il-fattur jikkorrabora l-fatt li fil-mument tal-impatt huwa kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu u li kien spicca l-manuvra ta' sorpass u kien gibed lejn ix-xellug tieghu;

[2] Li l-impatt sehh distanza ta' izjed minn tletin [30] metru 'l boghod mill-liwja, u ghalhekk fil-parti dritta tat-triq;

[3] Il-fatt li l-post tal-impatt huwa indikat fil-karreggjata ta' Noel Galea: jismentixxi l-allegazzjoni tal-konvenut li *" Jiena .. dejjem bqajt fuq in-naha tieghi tat-triq u fl-ebda mument ma mort fil-karreggjata opposta."*[4]; jismentixxi l-affirmazzjoni tax-xhud tieghu Raymond Busuttil li *"Mario [il-konvenut] fl-ebda hin ma qabez fil-karreggjata opposta u dejjem baqa' jsuq fuq in-naha tal-karreggjata tieghu."*[5] u jismentixxi l-allegazzjoni tax-xhud l-iehor tieghu Noel Zammit li *"Ezatt kif konna qed naqbzu din il-liwja sibna lil Noel Galea qed jaqbez karrozza ohra, u dana baqa' gej fuq in-naha taghna tat-triq u baqa' diehel fil-karrozza ta' Mario."*[6]

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li l-provi akkwisiti juru b' mod sodisfacenti li kien il-konvenut li deher li wara li qabez il-liwja ma kellux il-kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu bir-rizultat li invada l-karreggjata li minnha kien ghaddejn Noel Galea u b' hekk saret il-kollizzjoni fuq din in-naha tat-triq. . Fis-sewqan tieghu l-konvenut naqas mill-obbligu li sewwieq prudenti u diligenti ghandu li jassikura li f' kull hin jkollhu l-kontroll shih tal-vettura tieghu. Huwa kien mankanti f' dan ir-rigward, u din il-mankanza kienet il-kawza prossima u immedjata tal-incident de quo, u ghalhekk ghandu jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehema li s-socjeta' attrici irnexxielha tipprova li l-incident meritu ta' din il-kawz sehh

---

[3] Thares fid-direzzjoni taz- Zurrieq
[4] Affidavit fol.34
[5] Affidavit fol.36
[6] Affidavit fol.35 – sottolinear ta' din il-Qorti

unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut. Hija floka l-osservazzjoni li "Min ikun qed isuq, ghalkemm ma jghamilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero' jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi; u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konfomament" [*App.Kriminali* ***Pulizija vs Joseph Muscat*** *7.06.195].*

Illi rrizulta inkontestat u pruvat li d-danni, konsegwenzjali ghall-incident, rekati fil-vettura Hyundai numru V 9393 misjuqa minn Noel Galea u assikurata mas-socjeta' attrici huma fl-ammont ta' Lm2,509.90c.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni; tillikwida d-danni konsegwenzjali fl-ammont ta' elfejn hames mija u disa' liri malitn u disghin centezmu [Lm2,509.90], u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici din is-somma ta' Lm2,509.90 flimkien mal-imghax legali kif mitlub; bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------